MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Numru 766/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**-vs-**

**Akmel Ibrahim**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Akmel Ibrahim ta’ 20 sena, Nazzjonalita Ethiopia, bin Akmel u Mosho, imwieled Ethiopia fl-1990, residenti Marsa Open Centre Police Boat number 07GG-016, talli tnax il-xahar illu u qabel, f’dawn il-gzejjer, ghamel delitt billi imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta’ Artikolu 28 tal-Kap 217 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti jkollha necessarjament issibu hati tar-reat addebitat lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-offiza li biha gie akkuzat l-imputat hija offiza ta' natura minuri, li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija tul l-investigazzjonijiet taghhom u l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.
Wara li rat l-Artikolu 28 u l-Artikolu 32(1) (g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija, issib lill-imputat hati tar-reat addebitat lilu u tikkundannah ghal perijodu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija, izda billi l-Qorti thoss li prigunerija effettiva mhux gustifikata f'dan il-kaz, wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissosspendi t-terminu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija ghal perijodu ta' sentejn (2) mill-llum.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap.99 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li jikkommetti matul il-perijodu operattiv reali li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------